Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 13/2018

Il-Pulizija

Vs

Philip Azzopardi

Illum 6 ta' Novembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Philip Azzopardi detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 116455M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-16 ta' Lulju 2015 u/jew fiz-zminijiet ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer Maltin bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel, bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun xi tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew halla bini jew kisser il-mixi tal-ilma jew ha l-ilma ghalih, b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor billi zamm fil-pussess tieghu tractor tal-ghamla Massey Ferguson bin-numru tar-registrazzjoni JBL 708 li huwa proprjeta' ta' Raphael Scerri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputat Philip Azzopardi hati tal-

akkuza kif dedotta, ikkundannatu multa ta' hames mitt ewro (€500) kif ukoll li jirritorna l-imsemmi tractor tal-ghamla Massey JBL 708 fi zmien xahar mil-lum lill-parte civile Raphael Scerri.

Il-Qorti ordnat li jigi applikat il-provvediment tal-Artikolu 377(3) tal-Kap 9 f'kaz illi l-imputat Philip Azzopardi ma jottemperax ruhu ma' din l-ordni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Philip Azzopardi, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D. tas-16 ta' Jannar 2018 billi *tirrevokaha* in kwantu sabitu hati tal-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement *tilliberah* minn kull piena u htija skont il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha *tikkonferma* s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Philip Azzopardi huma s-segwenti u cioe`:-

(1) Illi l-Qrati Maltin, ghal dak li jirrigwarda l-akkuza odjerna ta' *ragion fattasi* jew *pretended right*, kemm f'sentenzi qodma bhal dik moghtija mill-Imhallef W. Harding fil-kaz il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et (App. Krim. 14.10.1944, Vol. XXXII - IV, p. 768) kif ukoll f'sentenzi aktar recenti bhal dik moghtija mill-Imhallef Lawrence Quintano fil-kawza Il-Pulizija vs Anthony Zahra, nhar l-20 ta' Gunju 2014, jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu gew ritenuti li jinkludu:-

   a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
   b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
   c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;

Izda kif qalet tajjeb il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v David Casha [Mag Dr A Bugeja] deciza fl-10 ta' Ottubru 2016:

> *Sabiex jigi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux bizzejjed li persuna tigi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd, ikun xi jkun dak il-pussess - izda jrid jigi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew forma tieghu.*

L-istess Qorti kompliet tghid hekk:

> *Skont il-Carmignani, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun wahda merament kostruttiva izda jrid ikun hemm il-pussess "attwali" u li l-azzjoni tat-terz tkun twassal ghat-turbattiva ta' dak l-istatus quo:-*
>
>> *879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso; 3. Se un colono, finite la locazione, ricusa di lasciare il fondo;*

L-istess Qorti kompliet tghid hekk:

> ***Din il-Qorti ghalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-istatus quo fil-perjodu rilevanti ghall-kawza u jekk allura l-pussess reklamat mill-parte civile kienx wiehed attwali fis-sens hawn fuq deskritt.***

Illi ghalhekk l-enfasi tinstab fuq il-fatt li s-suggett attiv jiehu l-ligi b'idejh jew ahjar "si e' fatta ragione da se' medesimo".

Illi fil-kaz in kwistjoni l-appellant qatt ma ha l-ligi b'idejh peress li dan semplicement wiret lil Salvatore Zammit u zamm l-istat ta' affarijiet kif dawn kienu meta Salvatore Zammit miet u hallieh werriet tieghu. L-appellant qatt ma ha l-pussess minghand Raphael Scerri jew ahjar svestieh mill-pussess tieghu. Dan gie konfermat fil-kors kollu tal-provi. L-appellant sab it-tractor in kwistjoni fil-proprjeta' ta' Salvatore Zammit ossia fil-garage fi Triq Riser, Safi u hallieh hemmhekk skont ordni tal-Qorti [prezentat in atti];

Illi l-appellant ghandu mandat ta' inibizzjoni sabiex ma jillikwidax il-wirt u dak kollu li ghandu x'jaqsam mieghu l-eredità ta' Salvatore Zammit.

L-Ewwel Qorti qed tinjora ghal kollox il-fatt li l-appellant stess jista' jiffacja azzjonijiet kontra tieghu ghall-fatt li dan ma baqax izomm l-eredità intatta meta ghandu mandat li jinibih milli jiddisponi minn kwalsiasi haga mertu tal-eredità. Illi dan l-istat prezenti jirrizulta li ser ikun hemm zewg decizjonijiet tal-Qrati li huma opposti.

(2) Illi bl-akbar rispett, din il-kawza qatt ma tista' tigi deciza qabel ma tigi deciza l-kawza civili fejn jew jigi kkonfermat l-appellant bhala werriet ta' Salvatore Zammit u ghalhekk huwa jirregola l-pozizzjoni tieghu, jew jitlef il-kawza u jigi impunjat it-testment fejn imbaghad l-istess appellant m'ghandux aktar interess guridiku u c-cirkostanzi jkunu tali li jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu b'mod awtomatiku.

(3) Illi l-Ewwel Qorti naqset ukoll milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li ghalkemm log book huwa prova cara mhix prova irribattibli. L-ezempju klassiku huwa dak meta persuna takkwista vettura permezz ta' ftehim ta' *higher purchase*, fejn ghalkemm il-log book ikun f'isem il-persuna li akkwistat il-vettura, din l-istess persuna ma jkollhiex titolu assolut u jekk tonqos li taghmel il-pagamenti l-vettura tittiehed lura. Illi dan kollu huwa mertu tal-kamp civili jew ahjar kummercjali izda juri b'mod car li ma hemm ebda ness mal-kamp kriminali. Illi fil-kaz in dezamina l-Ewwel Qorti ma setghetx issib lill-imputat hati tar-reat meta l-kaz in kwistjoni fih tant ramminifikazzjonijiet civili.

(4) Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' **Cesare Beccaria**:

> *"... che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso ...,"*

L-appellant jixtieq li bl-akbar umiltà jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Rat il-fedina aggornata tal-appellant esebita fl-atti.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kawza u dana fis-seduta tal-11 ta Settembru 2018.

Ikkunsidrat,

Raphael Scerri xehed nhar id-29 ta' Settembru 2015 (fol.7) u spjega s-segwenti: Spjega li kien hemm kugin ta' missieru certu Salvatore Zammit li waqt li kien ghadu haj kien iqatta hafna hin mieghu. Jghid li baqa' vicin tieghu sdakemm miet fejn dan l-ahhar kien imur izuru u jghamillu l-qadjiet tieghu. Qal li fit-tlett snin qabel ma miet , dan beda wkoll ibati mid-dementia.

Spjega li gurnata minnhom kellu bzonn jixtri zewg reactors ghax-xoghol u mar u xtrhom. Spjega li kien qal lil dan Salvatore li kien ser imur l-Ingilterra igib dawn iz-zewg tractors qabel ma mar ghalihom.

Martu qaltlu li kien sejjer ghalih huh l-airport u kellu jibqa' sejjer ghand Salvatore Zammit. Staqsiha ghaliex kellu jmur hemm u wegbitu li dan Salvatore kien mar ghandha waqt li kien imsifer u beda isabbat u qallha li kull ma kellu kien ghalina.

Wasal lura u mar ghandu. Qallu li xtaw li ttih it-tractor ghaliex kien hemm hafna nies li jahdmu u ried iwaqqa' s-suq. Maz-zmien, dan it-tractor wasal u dan Salvu rega' talabulu ghax kien sema minghand in-nies li t-tractor kien wasal. Qallu li seta' jiehu wiehed minnhom pero' li ma setax isuqu.

Ikkonferma li tah wiehed minnhom u kien isuqu wiehed jahdem l-Ghammieri mgharuf bil-laqam 'il-Kilpa'. Imbaghad jghid li kien hemm wiehed il-Pitakalija minn Hal Safi u qallu biex joqhod attent ghaliex kienu kwazi inqalbu bih. Ghalhekk mar jiiregistra fuqu l-licenzja u it-'Tool of Trade'. Nel frattemp dan Salvatore Zammit miet.

Il-tractor kien jinsab fil-garage ta' dan John Cassar meta miet Salvatore Zammit. Ikkonferma li fl-erbat ijiem ta' qabel il-mewt ta' Zammit, Philip Azzopardi mar idur bih. Philip Azzopardi mar u gabar dan it-tractor. Huwa cempillu u staqsih dwaru. Qallu biex ma imissux ghaliex ried jghaddi r-raba'. Jghid li dan Azzopardi mar ghandu d-dar u qallu li x'aktarx Salvatore kien halla l-wirt kollu lilu u dak il-hin ix-xhud qallu li ried icempel lil huh Joseph.

Mistqosi kif inxtara t-tractor, jghid li xtrah bi flusu u kellu dokumenti biex jipprova dan. Huwa pprezenta kopja tar-road license f'ismu, kopja tal-log book f'ismu u kopja tar-record of notification of imported vehicle, kopja tal-vehicle registration form mal-ADT, kopja tal-invoice tal-akkwist taz-zewg tractors li harget mis-socjeta Holtractors Ltd. gewwa l-Ingilterra u kopja tac-certicate of motor insurance mahruga mis-socjeta' Gasan Mamo Insurance ilkoll jghajtu lilu. Jghid li t-tractor kien xtrah second hand pero' f'kundizjoni tajba hafna.

Spjega li anke meta t-tactor kien silfu lil dan Salvatore kien jiehu hsiebu u anke meta kien hemm bzonn xi tiswija kien hadu ghand certu wihed maghruf bhala Manwel Maxam biex jirrangah.

In kontro sami mistoqsi jekk jafx li fis-6 ta' Awwissu, 2007 Salvatore Zammit kien ghamel xi pagament ta' elf u hames mitt euro (€1,500) ighid li ma jaf xejn bihom u cahad b'mod katgoriku li dan Zammit kien tah xi flus biex jixtri t-tractor.

**Karen Cremona** in rappresentanza ta' Tansport Malta xehdet nhar id-29 ta' Settembru, 2015 u kkonfemrat li it -tractor Massey Ferguson bin-numru ta' registrazzjoni JBL-708 huwa tat-tip agricultural tractor ta' kulur ahmar registrat fuq Raphael Scerri karta tal-identita numru 358168(M) u ilu hekk registrat f'ismu sa mit-23 ta' Novembru 2007. Hija pprezentat il-vehicle details VERA li gew markati bhala dok KC1 (fol. 19).

**John Cassar** xehed nhar id-29 ta' Settembru, 2015 u qal li huwa trabba min dan Salvatore Zammit ghaliex missieru kien miet meta kellu hdax-il sena u kien dejjem imur l-ghalqa mieghu. Qal li dan Zammit jigi minnu u kellhom l-ghalqa tghhom vicin xulxin. Qal li darba minnhom kien fil-garage jghalef il-fniek u kien qallu li Raphael Sceri kien ser isellfu tractor biex jahrat l-ghalqa. Qallu li t-tractor kien se iweggghu ghax kbir u huwa kellu tmenin sena. Kien qallu li kien ser isellifulu ghaliex ma ridx li jmur jahratlu. Ikkonferma li dan Zammit kien spicca minn mohhu u ried idahhal tractor kbir. Qallu li lanqas hu ma kien jaf isuqu minkejja li jahdem fil-construction u ghalhekk kien ser jghid lil kugin tieghu Jason Busuttil jmur biex isuqu hu. Cio' nonostante jghid li dahalha f'mmohhu li ried jirkeb fuqu. Qal li telgha fuqu u baqa' diehel fuq il-hajt bih.

Jghid li fil-fatt kien talab lil dan Jason biex idahhalulu fil-garage tieghu ghax hu kbir ghax beza' li kienu ser jisirqulu. Mistoqsi ta' min kien dan it-tractor jghid li kien ta' Raphael Scerri. Ikkonferma li kien talab li xi hadd mgharuf bhala 'l-Kirpa' bl-isem ta Karmnu Cutajar biex isuqlu dan it-tractor.

Ikkonferma li dan Cutajr miet ukoll. Jghid li f'daqqa wahda qalulu li l-imputat illum appellant kien dahal fil-garage tieghu u beda' jehodlu it-tracator mill-garage teighu. Huwa imbaghad kellem il dan Azzopardi u staqsih x'kien qed ighamel jidhol fil-garage tieghu u dan wiegbu biex ma jidholx fiha ghax jaqsmu. Huwa imbghad cempel lil missier Raphael Scerri u gharfu b'dak li kien qed jigri u qallu li l-imputat illum appellant kien hadlu t-tractor mill-garage tieghu.

Mistoqsi fejn kien ra it-tractor l-ewwel darba jghid li rah fil-garage ta' Raphael fost tractors ohra.

In kontro ezami jispjega illi l-garage tieghu huwa imsakkar izda xorta jghid li Azzopardi kien jidhol go fih u jiehu it-tractor. Ikkonferma li rapproti ghand il-pulizija m'ghamilx u mhux hekk biss ighid li anke spicca bil-pulizija tas-CID jghamulu serach go fih. Qal li c-cavetta li kellu Azzopardi kien hadha minghand Salvatore Zammit u fetah biha. Mistoqsi jekk kienx Salvatore li halla it- tracator jew li ghadda xi flus ghalih ighid li hu qatt ma ra lil Salvatore jghaddi xi flus lil hadd. Mistoqsi kif jaf li dan it-tractor kien ta' Raphael jghid li Salvatore kien jghidlu li Raphael kien ser isellfu t-trctor, kull meta jigrilu xi haga kienu icempillu lil Raphael dwaru. Meta kien ikollom bzonn jahartu kien jghidlu cempel lil Raphael. Jghid li Salvatore kien qallu li t-tracator huwa ta' Raphael.

**Joanne Bartolo** xehdet in rappresentanza tal-Bank of Valletta xehed nhar it-8 ta' Marzu, 2016 u kkonfermat li kien sar pagament mis-savings account tieghu numru 17901055011 permezz ta Bank draft li jgib in-numru 596204 favur Raphael Scerri u fil-fatt esebiet kopja tal-bill li kienet payable lilu. Qalet li l-ammont kien ta LM6,700 u esebiet kopja taghha li git markata bhala JB1 ( fol. 32).

**Tarcisio Said** jghid li xi hames snin jew sitta qabel ma xehed kien hemm wiehed Ghawdxi li xtaq jixtri tractor u kien hadu ghand Salvatore minn Hal Safi, illum

mejjet u dan talbu sitt elef Lira Maltin u rah gholi u qallu li kellu iehor izghar u staqsih jekk riedx bieghlu. Jaf li wiegbu li ma ridx ghaliex dak riedu ghalih. Mistoqsi ma min iltaqa' apparti Salvinu jghid li ma jafx x'jismu pero' kien hemm xi hadd mieghu. Mistqosi jekk huwa kien wahdu jghid li le, kien mar ma certu Ganni Camilleri.

**Ganni Camilleri** xehed nhar it-8 ta' Marzu, 2016 u qal li xi hames snin qabel kien iltaqa' ma Salvinu minn Hal Safi u dan kien qallu li kien ser jixtri tractor u li xi hadd kien se igibulu minn barra. Fil-fat wara ftit kien qallu li kien gab tnejn. Jghid li kien qallu li wiehed minnhom kien ghal-bejgh u talbu jekk kienx jaf lil xi hadd interest fih. Qallu li kien jaf lil xi hadd interest u ghalhekk kien mar flimkien ma Tarcisio Said f'garage vicin ta' Salvinu u cioe ghand Raphael Scerri li indika fl-awla . Dan urih it-tractor u talbu is-somma ta' sitt elef lira Maltin (LM6,000).

Jghid li kien Raphael li talbu l-flus u Salvinu qalli li dak li jghid Raphael ghalih tajjeb ghaliex ihalli f'diejh. Mistoqsi x'ditta kien jghid li kien ta' kulur ahmar.

Mistoqsi jekk kien jaf ta' min hu it-tractor ighid li Salvinu kien qallu li kien xtara tnejn. Qal li Raphael dak il-hin ma qalx li hu tieghu pero' kien hu li ssugerixxa l-prezz. Ghalih pero' fehem li sid it-tractor kien Salvatore Zammit.

**Paul Cachia** xehed u spjega kif darba minnhom kien zmien Santa Marija meta kien mar fuqu dan Salvinu Zammit u qallu li t-tractor ma kienx qed jistartjalu u kien mar jara x'kellu. Mistoqsi fejn kien jghid li kien Hal Safi mhux boghod minn fejn joqghod hu. Hemmhekk jaf li ra lil Philip Azzopardi u kellhom ibiddlulu xi safe starter. Qal li fil-fatt il-parts kien xtrahom dan Azzopardi izda ghax-xoghol li ghamel kien hallsu Salvinu Zammit.

**John Busuttil** xehed u qal li zijuh Salvinu Zammit kien xtara zewg tractors u dan jafu ghaliex kien imur hdejh meta kien haj ta' sikwit u dan f'garage faccata tieghu. Jghid ukoll li zijuh qall li min gabhomlu kien ghadu ma tahomlux. Mistoqsi jekk Raphael joqghodx hdejn Salvatore jghid li ommu toqghod naqra 'l isfel mill-garaxx pero' dan ma kienx ikun fil-garage maghhom. Ikkonfermali Raphael kien habib kbir ta' dan Salvinu.

**Francis Callus** xehed u spjega li kien lejliet il-festa ta' Santa Liena u kien qed jahdem fi Triq San Gorg kantuniera ma Triq Hlantun, Hal Safi esattament fejn Salvinu Zammit ghandu garage fejn kien irabbi xi tigieg. Ftakar li kien staqih jekk kellu x'jghamel u dan qallu li kien sejjer l-imputat biex jaqlalu l-battery tat-tractor li kien xtara ghaliex kienet waqghet. Dak il-hin qallu ha jmur jaqlahielu hu. Jghid li dan Salvinu kien maghtub hafna. Waqt li kien hemm wasal Azzopardi selmu lil xulxin u baqa' ghadej bix-xoghol.

**PS 1227 Malcolm Pace** xehed b'referenza ghall-kwerela li baghat Dr Tonio Azzopardi f'isem Raphael Scerri u kkonferma li dan Scerri kien qallu li kellu tractor li kien silfu lil Salvinu Zammit u waqt li kien ghadu ghandu miet. Huwa pprezenta l-okkorenza relattiva ghal dan ir-rapport li gie market bhala dok MP1. Huwa esebixxa ukoll statement li gie moghti lilu minn Philip Azzopardi fejn jindika li kienet saret deposit ta' sitt elef, sebgha mija u hamsa u ghoxrin u bil-biro kien hemm miktub l-isem ta' Raphael Scerri. Huwa pprezenta ukoll ricevuta mahruga mill Bank ofValletta ta' deposit bin-numru tal-account 17900155011 li sar transfer fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500) u bit-transaction detail TRSF from disc to buy machinery kien hemm dikjarazzjoni bil-firma ta' Philip Azzopardi. Dawn gew moghtija lilu minn dan Azzopardi meta mar biex jiehu l-verzjoni tieghu dwar il-kwerela ta' Scerri. Qal ukoll li dan Azzopardi kien tah xi affiavits ta' numru ta' persuni.

Mistoqsi jekk xi hadd mill-partijiet tah kopja tal-log book ta' dan it-tactor, jghid li din giet moghtija lilu flimkien mat-tractor u jindika li t-tractor jghajjat lil Raphael Scerri. Huwa inghata minn Raphael Scerri kopja tal-log bok, tar-registation mal-Malta Transport, tal-invoice tal-akkwist kif ukoll tan-notification tieghu. Kollha f'isem Raphael Scerri.

Ix-xhud rega' xehed nhar id-29 ta' Novembru, 2016 u irrepeta dak kollu li hemm fl-okkorenza. Ikkonferma li Raphael Scerri kien qallu li l-imputat kien mar fid-dar ta' Salvinu, gabar ic-cavetta tal-garage ta' John Cassar u hadlu t-tractor. John Cassar ikkonfermalu li in effetti vera it-tractor li kellu fil-garage tieghu kien gie mehud mill-imputat. L-imputat appellant qallu li vera kien mar u ha t-tractor minghand John

Cassar minghajr il-permess tieghu pero' bil-permess ta' Salvinu Zammit li kien mejjet (fol. 92).

**Frangisk Zammit** ighid li lil Salvinu jafu u jaf ukoll lil Raphael Scerri. Mistqosi jekk jafx jekk Salvinu kellu xi ngenji tal-ghalqa jghid li jaf li kellu tractor. Mistoqsi jekk jafx min gabu minn barra jghid li kienu Raphael Scerri u Salvinu Zammit. Qallu li wiehed minn dawn it-tractors zammu ghalih u l-iehor tah lir-Raphael. Ikkonferma pero' li t-tactor qatt ma kien rah u ghalhekk ma jistax jgharfu. Qal li dak li stqarr huwa dak li allegaatmanet kien qallu Salvinu Zammit.

**George Magri** xehed u spjega li huwa ghandu s-socjeta Plant Commercial Vehicle Limited. Qal li Raphal Scerri kien mar ghandu u talbu biex igiblu zewg tracators tal-hart mil-Ingilterra u fil-fatt hekk kien ghamel u hallsu ta' dan.

Spjega li jigu minn barra bla log book, izda huwa jghaddihom mil-VRT u wara li jippresentalhom id-dokumenti mehtiega jinhareg log book hawn Malta. Muri l-licenzja mahruga mill ADT numru FQ 10502 numru ta' registrazzjoi JBL 708 valida sat-8 ta' Ottubru, 2008 huwa jghid li dan kien it-tractor li gab minn barra. Ikkonferma li dak kien wiehed mitt tractors li gab ghal-Raphael Scerri minn barra.

Ix-xhud jghid li dan Raphael gablu l-flus irrangaw ma l-Ingliz u baghthomlu u t-tracators gew Malta f'isem Raphael. Qal li kien hallas il-bank biex sar it-transfer dirett u lilu tah flus tal-garr biss. Qal li kien mar il-bank ma Raphael biex jibghatu l flus flimkien. Qal li minn fejn gab il-flus Raphael li kienu cash pero' ma jafx. Mistoqsi jekk jafx f'liema bank marru jghid li ma jafx.

Mistoqsi jekk ghandux kopji tat transactions jghid li m'ghandux.

**L-appellant Philip Azzopardi** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-28 ta' Marzu, 2017. Spjega li Salvinu Zammit kien wera x-xewqa li jixtri tractor u kien qallu li Raphael Scerri kien ser igiblu wiehed minn barra go container pero' la trid thallas it-traspost xorta qallu li fil-fatt kien talbu igiblu tnejn. Qal li wiehed minnhom zammu ghand Scerri biex ibieghulu u l-iehor zammu ghandu.

Jaf ukoll li Zammit kien talab lil Scerri biex itih il-log book u Zammit qallu li Scerri kien qallu li biex idawwarlu l-log book irid ihallas hafna VAT. Jaf li ghaddew xi

sentejn u rega' talbu l-log book u qallu li jekk kien hemm bzonn ihallas il-VAT kien lest li jghamel hekk. Scerri pero' kien igiblu hafna skuzi u qatt ma hadulu. Jaf li xi zmien kienu marru zewg Ghawdxin biex jixtru t-tractor pero' Scerri ma ridx ibieghu u kien joqghod itawwal iz- zmien.

Spjega li imbaghad wara li miet Zammit u gabar ir-ricerki irrizulta li Scerri kellu jghati is-somma ta' sittax-il self lil Zammit u talbu it-tractor flok il-flus u Scerri allegatament qallu li kien ser itihulu. Qal li fil-fatt Salvinu kien silef it-tractor lil Scerri u mhux tahulu. Fil-fatt ighid li kien tah is-somma ta' LM 6,700 biex xtrah Huwa esebixxa statment tal-bank HSBC li jindika li sar bank daft minn Salvinu Zammit ghal Raphael Scerri f' Novembru 2005. Fil-fatt ighid li din is-somma hija parti mid-dsataax-il elf li kien silef lil Scerri ghalkemm Scerri mieghu jghid li kien silfu s-somma ta' sittax-il elf.

Azzopardi jghid li kien lest li jahfirlu d-dejn una volta jghatih il-log book tat-tractor pero' Scerri ma riedx itihulu ghaliex Azzopardi jghid li Scerri qallu li kien ser jaqtghu mill-wirt jekk jghaddihulu.

Qal li l-ewwel sena dan it-tractor Salvinu hallih fil-garage ta' John Cassar izda wara ried inehhih minn hemm ghaliex beda isib id-diesel nieqes mit-tractor. Imbaghad bdew inaddfu l-garage ta' mar-razzett, Salvinu dahal l-isptar u imbaghad jghid li Zammit qallu biex imur jiehu t-tractor minghand Cassar u hekk ghamel bic-cwievet li tah Salvinu dahal fil-garage ta' Cassar u ha it-tractor. Qal li meta mar jigbru sab tyre minnhom imnizzel u ghalhekk mar igib kompressur bl-arja nefhu u sa illum sebgha snin wara kien ghandu ma regax nizel. Qal li llum it-tractor jinsab ghandu. Qal li dam ghand Salvinu Zammit ghal perijodu ta' disgha snin u ilu ghandu ghal-ghaxar snin. Qal li huwa ghandu kontroll fuq ir-razzett ta' Salvinu Zammit.

Mistoqsi in kontro esami jghid liema parti minn dak li rrakonta kien jafha hu *di prorpio* u liema parti sar jafha tramite terzi. Jghid li kien jaf kollox personalment. Mistoqsi jekk kienx ma Rphael u Salvinu meta Salvinu talab il Raphael biex jixtri zewg tractors jghid li le ma kienx maghhom . Jghid li hu kien presenti meta Salvinu talab lil Scerri ghas-somma ta' dsatax-il elf, izda Scerri qallu li ma setghx u fil-pront qallu meta biex itih l-imghaxx. Jghid li kien ukoll presenti meta gew l-Ghawdxin

jghid li rahom pero' ma marx ma Salvinu fil-garage maghhom qaghad hdejn il-knisja. Qal li kien ilu mis-sena 2008 Scerri jabbuza minn dan it-tractor u jaqbel li Salvinu meit fis-sena 2010.

Mistoqsi ghaliex qatt ma fittex lil Raphael biex itih il-log book wara li miet Salvinu Zammit. Mistoqsi jekk ghamilx xi ittra ufficcjali lil Scerri biex jiehu l-log book jghid li ma ghamilx u lanqas fittxu l-Qorti ghalih. Qal li huwa izomm it-tractor u lest li jghaddih lil Scerri una volta jithallas id-dsatax-il elf li kellu jghati lil Salvinu Zammit.

In kontro ezami Raphael Scerri jichad li Salvinu Zammit tah xi flus biex jixtri it-tractors. Ikkonferma ghal darb ohra li it- tractors xtrahom bi flusu.

Rat in-nota tal-imputat prezentata fl-atti nhar it-2 ta' Ottubru, 2017 li permezz taghha pprezenta kopja tal-mandat ta' inibizzjoni li kien sar fil-konfront tal-imputat biex jissokta bil-likwidazzjoni bhala werriet tal-eredita' ta' Saviour Zammit.

Ikkunsidrat ultejorment.

L-appellant hu akkuzat bir-reat ta ragion fattasi kif dispost fl-artikolu 85 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti.

> *"Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontral-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel,bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxiobbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta'ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilmagħalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati…….."*

Sa mis-sena 1872 fl-Annotazioni alle Leggi Criminali [1] **Giuseppe Falzon** kien gja addotta l-erbgha elementi kostituttivi ghall-esistenza ta' dan ir-reat li kienu gew mehuda mit-tghallim tal-gurista eminenti **Francesco Carrara.** Dawn kienu s-segwenti:-

1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;

[1] G Falzon, *Annotazioni able Leggi Criminali*, (Malta 1872) 122

2. Credenza di far quest‟atto in esercizio di un diritto;

3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorità di magistrati;

4. Mancanza di titolo più grave[2] .

Dawn l-elementi gew adottati f'kul kaz ta' ragion fattasi, whud minn dawn is-sentenzi huma is-segwenti u cioe **Il-Pulizija v. Giuseppe Bonavia e**t[3] , **Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia[4]** u **Il-Pulizija v. Professor Henry Frendo[5]**. F'dawn is-sentenzi kollha intqal li, biex jikkonfigura ruħu ir-reat ta' ragion fattasi jridu jikkonkorru dawn l-erbgha elementi. Ghalhekk huwa l-obbligu tal-proskeuzzjoni li tipprova dawn l-erbgha elementi biex tipprova ir-reat migjub kontra l-akkuzzat sabiex jinstab hati.

**L-att estern.**

Il-prosekuzzjoni trid tipprova l-att estern u cioe " *the physical or external component… the harmful or blameworthy conduct which the law seeks to prevent[6]‟*.

L-att jijkkonsisti filli "*bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontral-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel,bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxiobbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta'ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilmagħalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor[7]*"

Jigi rilevat li a differenza ghal-ligi Taljana, dan ir-reat isehh meta dak li jkun agixxa seta' talab rikors ghal-Qorti qabel ma ghamel dak li ghamel waqt li fis-sitema Taljana dak li jkun kellu juza vjolenza sabiex jottjeni d-dritt pretiz li allegatament ghandu.

---

[2] F Carrara, *Programma del Corso di Diritto Criminale*, Volume V-Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 536.

[3] Volume XXXII F, part IV, p 768, 14th October 1944, Court of Criminal Appeal (Inferior), Mr Justice W. Harding

[4] Volume XLI F, part IV, p 1506, 14th December 1957, Court of Criminal Appeal (Inferior), Mr Justice W. Harding

[5] Criminal Appeal Number: 210/2004, 19th August 2005, Court of Criminal Appeal (Inferior), Chief Justice Emeritus V. De Gaetano

[6] H Jones & M G A Christie, *Criminal Law*, (3rd Edition, W Green & Son Limited, Edinburgh 2003) 49.

[7] Artikolu 85 tal kap 9 tal-ligjiet ta Malta

**In-nuqqas tat-tgawdija tal-oggett.**

Sabiex dan l-element jissusti, l-att estern ghandu jkun dirett biex jostakola lil dik il-persuna mit-tgawdija attwali tal-haga kemm jekk hi mobbli kif ukoll immobli. Dan il-principju gie imhaddan fis-sentenza fl-ismijet **Il-Pulizija v. Eileen Said**[8]. Il-Qorti tal-Appell diversament preseduta irriteniet li "*l-element materjali jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu d-dgawdija tagħha"*[9].

L-argument li jsegwi huwa x'ghandu jinftiehem bil-kelma 'tgawdija'. Id-dizzjonarju Black"s Law Dictionary jiddiefinixxi il-kelma '*enjoymen*t' bhala " *as having the possession and the use of a right or thing, movable or immovable"*[10].

**Il-Pusess**

Dan l-artikolu jipprotegi l-pusess tal-haga u mhux necessarjament il-proprjeta' per se. In fatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Bianco**[11], il-Qorti tal-Magistrati tenniet li:-

> "*Il-prosekuzzjoni esebiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu ta" din l-għalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini ta" dan ir-reat m"hemmx lok li jiġi ippruvat it-titolu; huwa neċessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess ġie mfixkel b"azzjoni ta" terzi sabiex b"hekk il-possessur ma setgħax igawdi l-pussess liberu tal-oġġett*"

Ghalhekk ai fini ta' dan ir-reat u cioe' dan ta' ragion fattasi, il-pussess materjali jew detenzjoni huwa sufficjenti. Dan gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Bezzina**[12] u **Il-Pulizija v. John Cassar et**[13]. Fl-ewwel sentenza din il- Qorti diversament preseduta rriteniet li:

---

[8] Criminal Appeal Number: 37/2002, 19th June 2002, Court of Criminal Appeal (Inferior), Mr Justice J. Galea Debono

[9] "Vide anke Il-Pulizija v. John Pullicino, Criminal Appeal Number: 243/2009, 16th November 2009, Court of Criminal Appeal (Inferior), Mr Justice J. Galea Debono, Il-Pulizija v. Francis Sammut, Criminal Appeal Number: 48/2009, 14th May 2009, Court of Criminal Appeal (Inferior), Mr Justice J. Galea Debono.

[10] B A Garner, Black"s Law Dictionary, (8th Edition Thomson West, USA 2004) 571

[11] Number: 684/2006, 5th March 2010, Court of Magistrates (Gozo) as a Court of Criminal Judicature, Magistrate C. P. Scerri Herrera

[12] Criminal Appeal Number: 42/2004, 26th May 2004, Court of Criminal Appeal (Inferior), Mr Justice D. Scicluna

[13] Criminal Appeal Number: 128/2006, 24th January 2007, Court of Criminal Appeal (Inferior), Mr Justice G. Caruana Demajo

*"Għall-finijiet tar-reat ta" ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu suffiċjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi" (ara appell kriminali **Il-Pulizija v. George Zahra**[14] ,). Min ikollu oġġett misluf lilu għat-tgawdija tiegħu għandu il-pussess materjali ta' dak l-oġġett. Taħt l-artiklu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hemm ebda bżonn li jiġi pruvat xi element ta" pussess aktar sostanzjali minn hekk"*

**L-opposizjoni tacita jew espressa.**

Sabiex dan l-element ikun komplut hemm bzonn li jkun hemm l- oposizjoni tacita jew espressa tal-persuna l-ohra. L-agent irid ikun jaf li dik il-persuna ghandha t-tgawdija ta' dak id-dritt u li dik il-persuna qed topponi espressament jew tippresumi li ser topponi ghat-tnehhija ta' dak id-dritt. Din l-opposizjoni hija rikjesta sine qua non.

**It- twemmin da parti tal- agent li qed jagixxi in konsegwenza ta' xi dritt**.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Eileen Said** [15] inghad li:-

*"Illi kif ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta" dar-reat hu dak intenzjonali, fis-sens li l-aġir ta" dak li jkun jrid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta" serq jew danni volontarji fuq proprjeta" ta" ħaddieħor per eżempju. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkummettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkummettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. Dwar x'tip a intensjoni irid ikollu l-akkuzat jinghad b'refrerena ghas sentenza f-l-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Lungaro**[16] „ hu rrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika".*

Jigi enfasizzat li meta qed nitkelmu fuq ir- reat ta' ragion fattasi, mhux qed nghidu biss li huwa reat li jusurpa l-bniedem mid-dritt tat-tgawdija tieghu fuq proprjeta'

---

[14] Deciza nhar is- *16 ta" Lulju 1958- Vol XLII.iv. 1453*

[15] Criminal Appeal Number: 37/2002, 19th June 2002, Court of Criminal Appeal (Inferior), Mr Justice J. Galea Debono

[16] Volume LXXX, part IV, p 312, 15th November 1996, Court of Criminal Appeal (Inferior), Chief Justice Emeritus V. De Gaetano

izda r-reat huwa reat kontra l-ammnistrazioni tal-gustizza fejn il-"…*criminosità consiste nello animo di sostituire l"autorità mia all"autorità del giudice, che avrei dovuto invocare perchè desse sanzione al mio diritto*[17]."

**Il-kuxjenza tal-agent li dak li ghamel ghamlu b'esercizzju ta' dritt** .

Sabiex jirrizutla ir- reat ta' ragion fatasi l-intensjoni sabiex jigi esercitat dritt pretiz ghandu jkun akkompanjat bl-intenzjoni li dak li ghamel ghamlu billi agiixa bla ma ghamel rikors lejn l'awtorita Pubblika. Minkejja li l-kelma 'intenzjonalment' ma tinsabx fil-kliem tal-ligi m'hemmx dubbju li jrid ikun hemm tali intenzjoni ghall-esistenza ta' dan ir-reat.

Ghalhekk wara li din il-Qorti ghamlet esami tal-erba' elementi rikjesti ghall-esistenza ta' dan ir-reat huwa car u manifest li l-erbgha elementi lkoll flimkien ghandhom jirrizultaw sabiex ikun hemm sejba ta' htija. Fil-waqt li fil-ligi Italjana hemm bzonn li fl-"esercizio arbitrario delle proprie ragioni" hemm bzonn l-uzu ta' vjolenza u theddid bhala elementi essenzjali, l-element intenzjonali u l-elementi l-ohra fil-ligi Taljana huma simili hafna ghal dawk fis-sistma nostrana.

Dan kollu jgibna ghal-kaz in desamina.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta s-segwenti fir-rigward tal-kwerela ta' Raphael Scerri.

1. Li huwa pprezzenta kwerela tramite l-avukat difensur tieghu l-ghassa tal-pulizija ta' Hal Safi fejn irraporta li l-appellant qabad u dahal fil-garage ta' John Cassar u gabar it-tactor tieghu ad insaputa tieghu u llum il-gurnata qed jirrifjuta li jghaddihulu lura.

2. Jirrizulta bla tlaqliq almenu ai fini ta' din il-kawza li t-tractor jappartjeni lil Raphael Scerri u dan kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita fosthom l-invoice esebita a fol. 16 mahruga mis-socjeta Holtractors Ltd. Minn ezami ta' l istess jirrizulta li t-tractor gie importat hawn Malta u gie registrat f' isem Raphael Scerri mill-ewwel u ghadu hekk sa illum ( vide il-vehicle details fol 19).

[17] Carrara, *Programma del Corso di Diritto Criminale*, Volume V - Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 541

Skond it-tifsira moghtija lil kelma 'sid' fit-tifsiriet li insibu fil-bidu tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, insibu li l-kelma "sid" tfisser il-persuna li f'isimha toħroġ il-liċenza għall-vettura bil-mutur. Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti fl-atti, jidher li t-tractor hu registrat f'isem Raphael Scerri skond il-log book (fol. 13).

3. Illi kif stqarr John Cassar stess dan it-tractor kien qed jinzamm f'garage minn tieghu fuq talba tal-mejjet Salvinu Zammit pero' kien jaf li t-tractor huwa proprjeta' ta' Raphael Scerri.

4. Illi jum wiehed dan Cassar sar jaf li l-appellant dahal fil-propejta' tieghu minghajr il-permess tieghu u ha t-tractor.

5. Illi jirrizulta li l-apellant qed isostni li dan it-tractor kien jappartjeni lill-mejjet Salvatore Zammit u mhux lil Raphael Scerri u li huwa kien gabru fuq struzzjonijiet ta' l-istess Zammt qabel ma miet. Huwa fil-fatt ressaq numru ta' xhieda sabiex jikkonfermaw it-tesi tal-appellant fis-sens li fil-fehma taghhom it-tractor kien ta' Salvinu Zammit pero' hadd minnhom ma qatt ra l-log book jew dokumenti li gew esebiti fl-atti.

6. L-appellant jghid li huwa dispost li jirritorna t-tractor lil Raphael Scerri una volta ihallas id-dejn tieghu li kellu ma dan Salvatore Zammit.

7. Raphael Scerri ighid li din hija kwsitjoni distinta u dan ghaliex it-tractor huwa prorpjeta' tieghu u li l-appellant qed izomu b'mod abbusiv.

Konsegwentement minn dawn il-fatti jidher li dan hu kaz klassiku ta ragion fattasi u dan ghaleix l-appellant qed izomm ghandu tractor li huwa registrat f'isem il-kwerelant u dan sakemm l-istess kwerelant jghogbu ihallas id-dejn li allegatament ghandu. Mistoqsi jekk huwa qatt ghamel rapport fil-konfront tal-kwerelant sabiex idawwar il-log book jghid li qatt ma ha l-ebda procedura f'dan ir-rigward.

M'hemmx dubbju li l-erbgha elementi fuq imsemmija jirrizutlaw kollha u ghalhekk din il-Qorti qieghda tikonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena.

Qieghda wkoll tikkonferma l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti sabiex l-appellant jirritorna t-tractor tal-ghamla Massey numru ta' registrazzjoni JBL 708 lil Raphael Scerri u dan fi zmien xahar m'illum u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas ammenda ta' ghaxar euro (€10) ghal kull jum li huwa jonqos li joserva l-ordni moghtija minnha u dan in adempiment ma l-artikolu 377 ( 3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Dr. Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deputat Registratur